MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2014

Appell Kriminali Numru. 570/2013

Appell Nru: 570/2013

Il-Pulizija

Spettur Ian Joseph Abdilla

Vs

Philip Said

Illum, 5 ta' Gunju, 2014,

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellat, Philip Said, detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 781052M, quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

F'Awwissu 2012, u fix-xhur u s-snin ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, fil-kapacita` tieghu ta' Nutar Pubbliku, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna/i ohra, is-somma ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu tal-konjugi Paul Vella u Nikolina Vella, tal-konjugi Carmel Saliba u Carmen Saliba, ta' Sario Saliba u ta' Antoine Saliba, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tarradd tal-haga li jsri uzu minnha specifkat; liema delitt gie maghmul fuq haga fdata jew ikkunsinnata lilu minhabba lprofessjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga
jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju;

2. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, cirkostanzi u kaz, fil-kapacita` tieghu ta' ufficjal jew impjegat pubbliku, dolozament, bi ksur tad-dmijiriet tieghu, ghamel jew naqas li jaghmel xi att, b'taghkis jew bi hsara ta' haddiehor;

3. Aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, cirkostanzi u kaz, ikkommetta tali reati, filwaqt li kien ufficjal jew impjegat pubbliku, b'hekk sar hati ta' reat li hu kellu jissorvelja biex ma jsisrx jew li minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi.

Il-prosekuzzjoni talbet sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, mghotija fit-2 ta' Dicembru, 2013, fejn il-Qorti, ma sabitx lill imputat hati tal-akkuzi kif dedotti u lliberatu minnhom.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-23 ta' Dicembru, 2013, fejn talab lil din il-Qorti, thassar u tirrevoka s-sentenza u minflok ssib lill-appellat hti tal-akkuzi kif dedotti kontrih u tinfliggi piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

Illi fl-10 ta' Dicembru, 2013 l-esponent Avukat Generali rcieva l-atti tal-kawza u hassu aggravat bihom u ghaldaqstant qieghed jintavola dan l-umli appell a bazi ta' dak provdut fl-artikolu 413(1)(c) tal-Kap 9 tal-Ligijet ta' Malta.

Illi l-appellat gie akkuzat ai termini tal-artikolu 293 tal-Kap 9 b' appropjazzjoni bla jedd, bl-aggravant tal-artikolu 294 tal-istess Kodici. Illi sabiex din l-akkuza tirrizulta jrid jigi ppruvat mill-prosekuzzjoni illi l-flus in kwistjoni gew moghtija lill-appellat fil-vesti tieghu ta' professjonist sabeix jghamel uzu minnhom partikolari: propju illi jinsinwa l-atti u jhallas it-taxxi dovuti fuq dawna d-dokumenti, izda, dawna l-flus gew uzati ai finijiet kompletament differenti;

Illi l-gurist Antolisei jispjega f'Manuale di Diritto Penali (Giuggre) pagna 356:

> (L'approppjazzjoni indebita) .. postula da parte del possessore un arbitria, e percio non consentita, assunzione di poteri che sono riservati al propietario.

Illi kif tghallimna l-gurisprudenza nostratna fil-kaz Il-Pulizija vs Emanuel Balzan, deciz mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, datat 27 ta' Lulju, 2011:

> L-element partikolari tar-reat t' appropjazzjoni indebita mhux l-uzu tal-ingann da parti tal-agent biex jottjeni l-oggett izda dik l-inverzjoni tat-titolu tal-pussess tal-haga li l-agent ikun ottjena minghand is-suggett passiv tal-libera volonta' ta' dan.

Illi fil-kaz odjern, il-possessur b'mod arbitrarju u ghaldaqstant mhux bil-kunsens tal-propjetarju, uza l-flejjes moghtija lilu specifikament ghall-insinwazzjoni tal-atti u l-hlas tat-taxxa fuq id-dokumenti ghall-uzu personali teighu. Dan qed jinghad ghaliex meta l-appellat gie nvestigat mill-Pulizija huwa stqarr, kif dokument a fol. 48 u kkonfermat bil-firma tal-istess appellat, illi huwa uza l-flus tal-klijenti in dizamina biex jiffinanzja ix-xiri ta' deheb mill-esteru, u naqas milli jinsinwa l-atti relattivi u jhallas it-taxxa dovuta;

Illi mill-istess stqarrija u mill-kuntratti esebiti in atti jidher car illi l-kwantum tal-hsara giet ukoll pruvata ai termini tal-artikolu 310(1)(a) tal-Kap 9, liema artikolu jiddetermina piena ta' prigunerija minn tlettax il-xahar sa' seba' snin, meta l-hsara jew qliegh jirrisali ghal aktar minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37). Illi l-akkuzi ai termini tal-akkuzi 138 u 141 gew ukoll pruvati ghax li kieku l-appellat ma kienx Ufficjal Pubbliku, huwa ma kienx jigi fdat bl-inkarigu tal-insinwazzjoni tal-atti u l-hlas tat-taxxi fuq id-dokumenti;

Illi bir-rispett kollu lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti, l-esponent Avukat Generali ma jaqbilx mal-konkluzjoni raggunta fid-decide tas-sentenza illi "l-imputat kien daqxejn negligenti". Hawn non si tratta di negligenza fejn l-imputat seta' forsi, bi zvista, ttardja xi ftit l-insinwazzjoni tal-atti u l-pagamenti tat-taxxa. Hawn ghandna kaz fejn Nutar Pubbliku – persuna ta' fiducja pubblika – deliberatament kellu flus fdati lilu ghal-skop specifiku, u minflok uzahom ghal dak l-iskop uzahom ghall-uzu personali tieghu! Din mhijiex negligenza. Din hija a text book case t'appropjazzjoni bla jedd;

Illi bid-dovut rispett lejn il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, l-esponent Avukat Generali jirrileva illi l-fatt illi llum il-gurnata l-kuntratti gew insinwati u t-taxxi fuq id-dokumenti gew imhallsa ma kellux jimmilita kontra s-sejbien ta' htija fl-appellat. Dan qed jinghad propju ghaliex ir-ratifikazzjoni tal-ommissjoni ma tiprekludix il-htija ghal dik l-ommissjoni. Se mai l-Qorti kellha tapplika l-artikolu 337(l) tal-Kap 9 illi jikkoncedi tnaqqis fil-piena u mhux ezenzjoni minnha. L-appellant insinwa l-kuntratti u hallas it-taxxa wara li nbdew il-proceduri odjerni, u snin wara li suppost ghamel dan! Dan juri l-mala fede tal-appellant li ried izomm il-flus go butu. Li kieku l-allegati vittmi ma ndunawx b'dan in-nuqqas u ghamlu rapport lill-Pulizija, l-flus li halsu kien jibqghu f'butu!

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi l-appellat huwa nutar pubbliku b'warrant mill-President tar-Repubblika sabiex jezercita l-professjoni ta' nutar fil-Gzejjer Maltin. Ghal habta tal-elfejn u ghaxra (2010) kienu avvicinawh il-konjugi Paul u Nicholina Vella kif ukoll Carmel u Carmen Saliba u l-ahwa Sario Saliba u Antonine Saliba sabiex jippubblika xi kuntratti u fdawlu f'idejh l-ammont ta' elfejn tlett mija disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€ 2329.37c). Qed jigi allegat illi l-appellat uza dawn il-flejjes ghal skopijiet personali u saret riferenza ghall-istqarrija tieghu (fol 48) fejn qal illi uza xi fondi mill-"operating account" tieghu sabiex jiffinanzja investiment illi sfortunatament marritlu hazin. L-ewwel Qorti però wara li semghet il-provi u x-xhieda kollha prezentata mill-Prosekuzzjoni iddecidiet illi l-appellat Nutar Philip Said ma kienx hati tal-akkuzi migjuba kontra

tieghu. Però l-Avukat Generali hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell. Dan ghaliex ghalkemm bhala nutar kien ircieva l-flejjes dovuti mill-klijenti tieghu biex il-kuntratti jigu registrati ai termini tal-ligi, uzu dawn il-flejjes ghall-uzu personali tieghu. U l-Avukat Generali ilmenta illi l-appellat deliberatament kellu flus fdati lilu ghal skop specifiku u minflok flok uzahom ghal dak l-iskop uzahom ghall-uzu personali tieghu u ikkonkluda illi dana kien "a textbook case" ta' approprjazzjoni bla jedd u kwindi kellu jinstab hati.

Ikkunsidrat:

Illi filwaqt illi din il-Qorti ma ghandha xejn x'ticcensura dwar l-argumenti tal-Avukat Generali ghal dak illi jitratta l-aspett legali ta' approprjazzjoni bla jedd, jidhrilha illi dan il-kaz mhuwiex daqshekk semplici kif donnu jrid jghid l-Avukat Generali. Jibda biex jinghad illi l-kuntratti lamentati u esebiti f'dan il-process gew milquta minn kwistjonijiet teknici illi fin-natura taghhom bilfors kellhom itawwlu l-konkluzjoni ahharija tal-pubblikazzjoni tal-kuntratti. Dawn il-problemi gew indirizzati mill-istess nutar kif spjega fix-xhieda tieghu illi ta quddiem din il-Qorti. Fl-istqarrija rilaxxata lill-pulizija, però, in-nutar spjega illi fl-elfejn u ghaxra (2010) huwa kien imhajjar jidhol f'xi investiment ghal xiri tad-deheb mill-esteru principalment mill-Ghana, liema xiri kien swielu l-ammont ta' ghoxrin elf ewro (€ 20,000). Wara irrizulta illi dan l-investiment ma kien xejn hlief truffa jew kif komunament huwa maghruf "scam." Però mill-istess istqarrija jirrizulta illi huwa ma uzax il-flus depozitati lilu minghand il-persuni msemmija izda uza flus illi huwa kellu minn xi wirt bhala sehemu mill-bejgh ta' xi proprjetà, izda spjega ukoll illi uza xi flus mill-"operating account" illi huwa kellu tal-klijenti. Huwa ben maghruf illi kull professjonist ikollu "operating account" tal-klijenti illi fih ipoggi l-flus li jkunu fdati f'idejh biex imbaghad minnhom ihallas lill-erarju jew hlasijiet ohra li jkunu jridu jsiru sabiex l-att ippubblikat ikun effettiv ghal terzi.

Quddiem il-Qorti l-appellat xehed illi meta rcieva c-cekkijiet tal-persuni indikati f'dan il-kaz, iddepozitahom f'"operating account" fejn idahhal ic-cekkijiet kollha illi ghandhom x'jaqsmu tal-kuntratti li jippubblika bhalma jaghmel kull professjonist iehor bhalu. B'daqshekk però ma jfissirx illi l-flejjes tal-konjugi Vella u Saliba gew minnu uzati sabiex jiffinanzja dan l-investiment illi huwa ipprospetta li jaghmel il-Ghana. L-aktar illi jghid illi uza <u>xi flus</u> mill-operating account illi huwa kellu tal-klijenti. Din il-Qorti tifhem illi f'dan l-account l-appellat kellu flejjes ta' klijenti ohra, mhux biss dawk tal-konjugi Vella u Saliba. U ghalhekk din il-Qorti ma tistax tkun konvinta illi dawn il-flejjes tal-konjugi msemmija gew uzati mill-appellat ghal xi skopijiet personali tieghu. Jekk kien hemm xi nuqqas da parti tal-appellat sabiex jaghmel il-hlasijiet dovuti, allura f'dan il-kaz seta' kien espost ghal proceduri civili izda certament mhux dawk penali. Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghall-appell fl-ismijiet "Il-Pulizija versus Herbert Cassar" deciz fis-17 ta' Mejju 2012 ghal

spejegazzjoni aktar profonda ghall-kuncett ta' approprjazzjoni bla jedd specjalment fejn qed jirrigwardja l-operat ta' nutar pubbliku.

Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha illi l-ewwel Qorti fuq il-provi illi kellha quddiemha setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha u ghalhekk mhux il-kaz illi din il-Qorti tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------